# IL HABIB

Joħrog̀ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieg̀ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma targa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur G̀użè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Ang̀. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, L'4 TA NOVEMBRU, 1913. NRU. 89.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Cliem tad-deheb.

VI.

## Haŭn il ghacs ghax haŭn il ħażen.

*(Jissocta dan il cap.)*

Ommna il Cnisja, f'dic li aħna nsejħulha il *Litanija il-tŭila*, tig̀bor u issemmi l'aħrax flagelli u li huma l'actar ta min jibża minnhom, u ghal cull ŭieħed, li issemmi, igiegħel lilna uliedha nitolbu lÌ'Alla biex jiscansana minnu. Fost daŭn il ħorox flagelli, jeŭ biex ngħid aħjar castighi, insemmi lil daŭc it-tlieta, li l'actar jaħkru u l'iżjed ichexcxu bil biża, il pesta, il g̀uħ u il gŭerra; u nsemmihom flimchien, il għaliex bosta u bosta drabi, chif insibu fl'Iscrittura, Alla, biex jiccastiga in-Nazzjonijet, jeŭ il popoli minnħabba xi ħażen cbir, is-serva bil għacs, bħala tliet Ministri tal killa u tal vendetti tiegħu.

Chien kiegħed, darba ŭaħda, il Profeta Geremija jitlob lÌ'Alla biex icollu il ħniena mil poplu Lhudi, u jaħfirlu għall ħażen tiegħu. U Alla ŭieg̀bu b'daŭn il chelmiet: «Ma għandecx il għaliex titlobni għal dana il poplu. Mita isumu, mita jitolbu, Jena lè nilka is-saŭm, ma nismax it-talb taħħom: u jecc joffruli vittimi u sacrificcji, nirruftahomlhom; u ingiegħel lill gŭerra, lill g̀uħ u lill pesta itemmuhom (Gerem. c.14.v.11.12) Huma, cbar u żgħar, imutu f'bosta xorta ta gŭaj, bla ma isibu la min jibchihom, l'ankas min jidfinhom, u icunu mitfugħin, bħall ħmieg̀ u il kżież, mal art; u il gŭerra, il g̀uħ u il pesta lilhom itemmu, u il gisem taħħom iservi ta miecla lill għasafar tal ajru, u lill bhejjem tal art. (Ger. c.16.v.4.) Jena nibgħat contra taħħom il gŭerra, il g̀uħ u il pesta, sa chemm jinkerdu għal collox minn fuk l'art li tajt lilhom u lill antenati taħħom (Ger. c. 2.v.10.) Nibgħatilhom il gŭerra, il g̀uħ u il pesta...... Nippersegŭitahom bil gŭerra, bil g̀uħ u bil pesta: ngagħalhom jixterdu, jig̀gerreŭ minn naħħa għall'oħra tad-dinja; u cull fejn imorru cullħadd jisħethom, iżeblaħhom u jistcherraħhom. (Ger. c.29.v.17.18.) Fil ctieb tad-Deŭtoronomju (c. 28. v. 20.) insibu li mita Mosè, b'ordni t'Alla, g̀abar il poplu Israelita, u għarrafhom x'in hu li Alla igħidilhom, illi, jigifieri, għandhom jobdu għall Cmandamenti tal Ligi tiegħu; u, b'hecc icollhom ir-riżk u il barca, imma jecc ma jobdux, taka fukhom is-seħta u il castighi tal killa t'Alla, semmagħlhom daŭn il chelmiet: «Jecc intom ma tobdux, Alla iŭaddab fukcom il għacs u il g̀uħ, u is-seħta fuk ixxogħol collu, li taħdmu b'idejcom, sa chemm igibcom fix-xejn, u jekridcom fi żmien kasir, minħabba il ħażen tagħcom, talli tcunu abbandunajtuħ.» Fis-Salm 104.v.16., nakraŭ daŭn il chelmiet: «Alla sejjaħ, jigifieri, bagħat il g̀uħ fuk l'art.» — u dan għamlu, biex b'dal flagell jiccastiga il popoli Cananei, għedeŭŭa tal poplu maħbub tiegħu ta Israeli; «Jena ngagħalcom tinkerdu bil g̀uħ, lilcom u lil collu chemm hu in-nisel tagħcom» kal Alla, bil fomm tal profeta Isaija (c.14.v. 30.), lill Filistej minħabba il ħażen taħħom. X'ħin Alla jitchellem mal profeta Eżechieli fuk il Lhud, fost il cliem l'ieħor ta theddid u ta castighi għall ħażen taħħom, igħidlu daŭn il chelmiet: «Jena nŭaddab contra taħħom is-sajjetti, li iriegħdu, tal g̀uħ,» (Ezech. c.5.v.16.) B'daŭna il chelmiet *sajjetti tal g̀uħ*, scond ma ifissru il Għorrief, Alla fehem jitchellem fuk it-tempesti, fuk iċ-ċaħda mix-xita, fuk id-dud u fuk cull xorta ta mard tas-sig̀ar u tal ħxejjex; ħŭejjeg̀ collha li iħassru l'uċuħ tar-raba, imarrdu u joktlu is-sig̀ar, u għalhecc igibu il għacs u il g̀uħ. Sidna Gesù Cristu, mita, fl'Evangelju, isemmi ŭieħed-ŭieħed is-sinjali li għandhom jidhru fis-sema u fl'art, u l'agħar flagelli ta l'akkal ħruxija, li għandhom jaħcmu fuk l'art, xħin icun korob il giŭdizzju universali, sinjali u flagelli li bil ŭaħx tal ħruxija għandhom inixxfu bil biża u itemmu il binedmin; fosthom isemmi ucoll il għacs u il g̀uħ.

Il ftit li għedna, jidhirli li hu biżżejjed, biex ifehimna, illi il għacs u il g̀uħ huma castighi t'Alla. Min, imbgħad, irid jaf iżjed ifittex fil cotba tas-Sagra Scrittura; u hemm isib chemm drabi Alla iccastiga lill ħażen bil għacs.

*(Jissocta)* S.A.S.

## Il Għid ta li Mŭiet

FIĊ-CIMITERJU
TAL ADDOLORATA.

SUNETT.

Donnhom miexjin tnejn tnejn collhom ħosbiena
Is-sig̀ar taċ-cipress fuk art li mŭiet:
Ħamra ix-xemx niezla, u leħen ta kanpiena
Donnu k'għed jibchi u jicser dan is-schiet.

Kalb slaleb u okbra li jitolbu ħniena
Tgħaddi in-nies ħiemda u itennu xi talbiet—
Mulej, ati il mistrieħ lil min ħalliena,
U lilhom jiddi id-daŭl minn tas-smeŭŭiet.

Dlonc ħsieb minn moħħi igħaddi u ifaccarni
F'xi uħud li jen ħabbejt, u id-dmugħ f'għajnejja
Jakbeż, u kalbi iddub f'ħasra kaŭŭija.

Il cnisja tal kuċċata imma issabbarni,
Fejn Omm imniccta b'Binha mejjet ħdejha
Fuk l'okbra ta cullħadd tħares Marija.

DUN CARM PSAILA.

## Tifsir fuk il G̀ubleû.

*(Jissocta)*

*Pen.* Sur Patri, niżżic-ħajr l'irg̀ajna ntkajna. Nitolboc li tieħu ftit tal pacenzja tcomplili it-tifsir tal G̀ubleŭ imkaddes. Għidli jecc jogħg̀boc chemm il xorta ta G̀ubleŭ jinsabu?

*Conf.* Bil kalb collha nŭiegeb għall mistoksija tiegħec. Jinsabu żeŭg̀ xorta ta G̀ubleŭ, il ŭieħed jissejjaħ G̀ubleŭ *ordinarju*, l'ieħor jissejjaħ G̀ubleŭ *straordinarju*. Il G̀ubleŭ ordinarju hua ċac illi isir fiż-żmien stabbilit, żmien ta 100 sena jeŭ ta 50 sena jeŭ inchella ta 25 sena. Dana il G̀ubleŭ jissejjaħ *G̀ubleŭ il Cbir*, jeŭ *G̀ubleŭ sollenni*, jeŭ *G̀ubleŭ tas-sena mkaddsa.* Bħal dana chien il G̀ubleŭ li chelna fil bidu tas-secolu.

Li straordinarju li jissejjaħ ucoll *Ġubleŭ iż-żgħir* hua dac li isir fiż-żmien ta għeluk ta xi ġrajja importanti li tcun ġrat fil Cnisja mkaddsa. Bħal dan chien il Ġubleŭ li sar l'aħħar tal Cuncizzjoni il għaliex għalku 50 sena ŭara id-Definizjoni tad-Domma taħħa chif ucoll il Ġubleŭ li fiħ aħna ninsabu tal libertà tal Cnisja.

*Pen.* Għidli, Sur Patri, il għaliex il Cnisja Mkaddsa marret tħabbar ma cullimchien dana il Ġubleŭ? Liema ġrajja importanti saret bħal daż-żmien seŭŭa fil Cnisja ta Gesù Cristu?

*Conf.* Il Cnisja marret tħabbar dana il Ġubleŭ issa f'dina is-sena 1913, il għaliex bħal daż-żmien seŭŭa, fis-sena 313 ŭara Cristu, li hija ħadet il libertà per mezz tal Imperatur Costantinu, bin Sant'Elena. Dana l' Imperatur għall' eŭŭel chien infidil bħal missieru Costanzo Cloro, imma ŭara icconverta per mezz ta miraclu tant cbir. Chien sejjer dana l'Imperatur jagħmel gŭerra mal Imperatur Massenzju. Hua chellu biss 40,000 suldat, mentri Massenzju chellu eserċtu ta 160,000 suldat u 18,000 cavalier. Baża Costantinu, irricorra lejn Alla u Alla per mezz ta miraclu urieħ il vittorja li chellu jeħu. Eccu chif dana l'Imperatur chien sejjer għall gŭerra flimchien mas-suldati tiegħu jilmaħ bi cbir għageb fuk ix-xemx salib, u miegħu daŭna il chelmiet «*B'dan issinjal inti tirbaħ*». Mhux biss hua, imma ucoll is-suldati, cullħadd ra il miraclu. Dac il lejl stess Gesù Cristu jidher bis-salib f'idejħ lill Costantinu u kallu illi jecc hua irid jeħu vittorja fuk Massenzju, għandu jagħmel issalib fuk li standardi tiegħu. Hecc għamel Costantinu: għamel is-salib fuk li standardi, iccumbatta contra Massenzju u per mezz tas-salib ħa fuku vittorja compiuta. Minn dic il ġurnata Costantinu iccmanda illi issalib jigi mkiegħed fil curuna tal imperaturi, u ma jibkax iżjed iservi bħala forca li fuku jissallbu il malfatturi. Tà il libertà lill Cnisja mkaddsa, iccmanda li l'insara joħorġu mil catacombi fejn chienu ilhom fuk it-300 sena, u tà il Palazz Lateranu lill Papa, li dac iż-żmien chien San Melchiade. Inbniet l'eŭŭel Cnisja taħt l'isem tas-Salvatur, illum San Ġŭann Lateranu. Għamel id-degriet tal libertà tal Cnisja. Dana ġara fis-sena 313 ŭara Cristu. B'tifchira ta dana id-degriet tal libertà, il Cnisja, issa li għalku 1600 sena, marret tordna Ġubleŭ straordinarju maddinja collha.

*Pen.* Inti fehimtni, Sur Patri, għaliex il Cnisja marret tħabbar dana il Ġubleŭ, nitolboc issa tgħidli chif jinfetaħ għall' eŭŭel darba il Ġubleŭ? Meta jibda? fejn jibda? u chif jibda?

*Conf.* Daŭna il mistoksijet li kigħed tagħmilli, huma bil bosta importanti u qŭalunque nisrani jixrak li icun jafhom. Il Ġubleŭ jiftaħ actarx lejliet il Milied, fl'erba Basilichi li jinsabu geŭŭa Ruma, il Cnisja ta San Pietru, il Cnisja ta San Paŭl, il Cnisja ta San Ġŭann Lateranu u'l Cnisja ta Santa Marija Maggiore. Fil Cnisja ta San Pietru jiftħu il Papa stess, u jecc fil cas il Papa icun marid ma jistax imur hua, jibgħat il xi Cardinal minn f'locu. Fit-tliet Basilichi l'oħra li semmejna, il ftuħ tal Ġubleŭ isir minn xi Cardinal iddelegar mil Papa. Imma jena irrid infehmec ftit iċ-ceremonja tant grazzjusa illi issir dac in-nhar tal ftuħ tal Ġubleŭ fil Cnisja ta San Pietru. Meta isir il ħin stabbilit għal funzjoni, il Papa li icun għadu geŭŭa il camra tiegħu fil Vatican jilbes il lbies imkaddes, jilbes l'alba, il stola, il cappa ta culur aħmar, ixidd il mitra f'rasu, imur fil Cappella Sistina, biex jadura il Gesù Sagramentat li icun sponut għal tal apposta. Jadura, jitlob għal ftit ta żmien, jintona il *Veni Creatur.* Tibda il processjoni, il Papa accumpanjat minn tant personaġġi cbar, mhux biss sacerdoti imma ucoll minn tant secolari taħt il Baldacchin joħroġ mil Palazz tiegħu, imur fuk il Bieb imkaddes tal Ġubleŭ, li icun magħluk, mibni bil gebel mill'aħħar Ġubleŭ li icun sar. Jitlob, jieħu il martell tad-deheb f'idejħ, jati tliet dakkiet bil mod fuk il bieb, ŭaħda icbar mill'oħra, fil ŭakt li igħid l'orazzjoni *Infetħu o bibien etc.* Minnufiħ jinfetaħ il bieb u folla ta bniedmin jersku sabiex jieħdu xi ftit tal frac tal gebel jeŭ tat-tichil għaddevozzjoni. Il Papa jidħol minn dan il bieb, jieħu f'idejħ is-salib, jintona it-*Te Deum.* Dac il ħin ferħ l'actar cbir jaka fuk cullħadd, cullħadd jibda jibchi bil ferħ, idokku il kniepel collha ta San Pietru, jirrispondu il kniepel ta ictar minn 300 cnisja li jinsabu geŭŭa Ruma. Il Papa jibda il għasar sollenni tal Milied. Minn dac il ħin stess jibda il Ġubleŭ, jibdeŭ il visti, il krar u ittkarbin, biex tintrebaħ l'indulgenza tal Ġubleŭ.

Dun Anton Vella d.d.

*(Jissocta)* *Cappillan ta ħal Luka.*

# Li Storja tal Papiet.

VII.

## San Alessandru I.

Dâm għaxar snin, seba' xhur u tliet ijem.
Sar Papa fis-sena 121, miet fis-sena 152.

Ŭara il meŭt ta San Evaristu giè magħżul Papa San Alessandru I. imnissel minn Ruma u mgħallem minn Plinju iż-żagħżuħ u minn Plutarcu. San Alessandru, chif igħidu bosta chittieba, ċchejchen fiż-żmien ma xiħ fil għerf u il kdusija sar Papa fis-sena 121. Dic il ħabta chien jirrenja Adrjanu u għalhecc il persecuzioni contra l'insara chienet għâda teżisti. Din hia ir-raġuni li għaliha dan il Papa għadda il biċċa il cbira ta ħajtu taħt l'art ġo 'l catacombi. Hemm chien jitlob u fuk l'okbra tal martri chien jicconforta l'insara u ikaŭŭilhom kalbhom għall martirju. Igħiduħ Sangallo u Ciampini illi dan il Papa minn taħt l'art fejn chien moħbi chien saħansitra jiccumbatti l'eretici ta dac iż-żmien. Għamel tliet Ordinazionijet u fihom ordna 405 Iskfijet, 6 Kassisin u 203 Diaconi. Iżżelu ta dan il Papa gieb bosta trijonfi fil Cnisja ta Gesù Cristu. Nies cbar tar-renju għall chelma tiegħu kalbu il Paganesmu u ħaddnu it-tŭemmin nisrani. L'istess Prefett tal belt ma martu, oħtu u uliedu icconverteŭ u saru insara. Dan giegħel is-sacerdoti pagani jintleŭ bir-rabia u bil killa. Imma issema bil prodigi tiegħu u il kdusija ta San Alessandru cabbru ir-rebħiet tal Cnisja. L'istess għassies tal ħabs *Quirinu* sâr flimchien ma San Alessandru Appostlu ta Gesù Cristu u predicatur tal verità. Dana il Papa, ŭara tant tbatija, ŭara ħabs l'iżjed aħrax, ŭara turmenti ta nar, ta vlegeġ, xerred demmu għall Fidi mkaddsa u hecc f'età ċchejcna sâr martri u Papa cbir fost il Papiet. Saverina mart Aŭrelanu, nisranija, ġabret il gismu u difnitu f'kabar taħħa fit-triek imsejħa Nomentana. Il Goti ŭara żmien irvinaŭ il lochijet fejn chien il gisem tiegħu: imma il Papa Pascal I. minn kalb ir-rovini ġabar il gisem ta Alessandru u flimchien ma dac ta Evenzju u Teodulu difnu fl'oratorju ta Sant'Anjese ħdejn il monasteru ta Santa Prassede. Ŭara żmien il lochijet fejn chien icconservat il gisem ta Alessandru geŭ magħluka u hecc l'insara ma setgħux iżjed imorru jivveneraŭ il fdal ta gismu: imma Piju IX irranġahom u fetaħhom għall kima tal insara, u bina Cnisja iddedicata lil dana il Papa.

Capp. A. Bonanno.

# SAN ĠŬANN.

*Lill G. Micallef bi tŭiegiba.*

Sultana ta' li mkâdes minn tal Fidŭa,
mgħollija fuk li-blât u f-nofs daŭn li-bħra,
mgħakad tal gieħ nisrani,
tal Fieres safi u għâni :—

tal Fieres kaŭŭi, mkît daks l-eħrex Masri,—
li fuk l-egħdeŭŭa tas-Salib Imkaddes
fîc gieb ir-Rebħ u talla
fuk l-għolja il Ħaġra t-Alla,

id-dell li tarmi taħt li-dŭal tas-Sema,
li-dŭal tal kamar siechet, minn ġôl okbra,
leħen ŭliedec samma
taħt li-skfa taħt li mramma.

Id-dell li tarmi minn kuċċatec jicxef
ŭċuħ minn ta' li-rħieb bir-ras imgħaddsa
geŭŭa li-cbabez. Cbira
Dejra li gibt il għira,

fli-għiri ta' ŭiċċec il mistur chemm ċchejcna
tidher li ġrajja ta' min bniec u żejnec.
Rodi tiftacrec seŭŭa
ħierġa minn kalb l-egħdeŭŭa....

gejja b-ŭliedec collha haŭnecc mitfugħa,
mal meŭġ ah chemm tħabatt! Ibnec li ŭakkfec
bchiec ġo Sant'Anġlu u niesu
taŭħ is-salib u biesu.

Ġrajjiet il killa, il ferħ tgħidilna l-gebla
fîc, fîc ja Dâr. L-għajnejn tal-lum fid-dalma
jaraŭc.... u l-Falzûn ħati
għalîc sejjer ibati....

U dmija tkattar dic il gebla mkaxxra
u dmugħ li-rħama mnakkxa. Il ħsieb jintilef
fill ŭaħx taż-żmien għax tkila
chienet mall Ħakk il Ħila....

U l-kalb tar-rħâm u l-bronż bħall daŭca l-okbra.
Xriek ta' li-Mkaddsa Dejma l-krabu nesa
dac il kerried għax b-ŭegħda
lill Muslem gieb mibegħda.

Ŭiekaf sabiex imut għall egħżeż isem,
il mantar aħmar b-Salib abjad jicsi
sidru fejn hemm mictuba
chelma tal Gieħ.... maħbuba....

U fîc ja Dâr Mkaddsa l-ġamra tixgħel
bin-nâr tal ħsieb fil ħin 'l-it-talba tfaccar
meŭt:—Taħt li-sŭar tistagħna
fid-dmija l-mejtin tagħna....

U fîc 'l-Omm t-Alla l-ħniena tagħha tfaccar
'l-ŭliedha. Haŭnecc minn ġôl kaliet ta'
ġabret li-rsira magħha [Stanchjo
biex turi l-kaŭŭa tagħha.

U fîc ŭriet il kaŭŭa tagħha ix-Xbejba
Marija ta' Filiermu u dmugħ it-tfajjla
ġabret fli-mgħarrka mħabba....
u l-ŭard minn xeŭca trabba....

hena fir-raba mn'Id San Ġŭann. Antjochja,
art ta li-Birba u ix-Xiti rasha mejlet
taħt dina l-Id fix-xmâra
mall gemgħa ta' l-Nsara.

Tberrak u taħchem taħt sakajn li-mnaffra
żŭiemel tan-nâr fli-sħâb rebbieħa l-Cnisja.
—Rubens, De Vos jitchellmu.—
Is-Sema u l-Art jissellmu....

Għâgeb ta' sejf, għâgeb ta' tarca... in-nakxa
mill ħaġra takla l-chelma u 's-snin ta' ŭara
għal erba' mija fukec
għâxu bin-nifs ta' Ruħec.

U fîc giè schenn il Għerf ta' l-Id mħarrġa,
mill ħemm ta' Napli giè b-dac ta' Calabbrja.
Tal Cbir Baxxar li-ġrajja
dheru mill ġdid fill ħajja.

Stenbħet ġô fîc ir-ruħ ta' Caravaggio.
Stgħageb u għal gidec medd idejħ ir-Rgħibi
Ħalliel tal Gżira. Il kima,
Lilec fill klûb kadima,

l-icbar Sultan il-bieraħ ta. Ja Dŭejra
illum li xieħt għall Fidŭa għandec is-Setgħa
id-Dinja tgħakkad miegħec
fl-Isem ta' Cristu u tiegħec.

A. Cremona

## Ma dûarna.

—Id-Direttur tal *Habib* jinkeda b'din il gażetta biex jiżżi-ħajr lil daûc collha li bagħtu jifirħulu bil mictub jeû ferħulu bil fomm fuk li uliedu it-tnejn, Ugo u Ivo, leħku Procuraturi Legali.

—Niżżu-ħajr ucoll lil dac is-Sacerdot minn ħaż-Żabbar li chitbilna ħafna ħûejjeġ sbieħ fuk il *Habib*: min għandu id-dehen u il għakal jagħraf jagħżel is-sicrana mil kamħ. Fuk il bkija, nitolbuħ jaraha mal *Amministratur*, għax dic m'hix biċċa tagħna; imm'aħna, biex nagħmlulu pjacir, urejnieħ l'ittra tiegħu.

—Niżżu-ħajr, fl'aħħar nett, lir-Reverendissimu Canôncu Capitulari tal Matrici ta Għaûdex, Monsinjur Dun Ûiġ Vella, Rettur tal Cnisja ta Savina, li għoġbu jibgħatilna li *Statuti tas-Società ta l-Adorazjoni ta bil-lejl* f'dic il Cnisja. Krajnihom b'leħħa cbira, tgħaxxakna bihom tas-seû u għidna f'kalbna (u, imbagħd, b'fommna lill Monsinjur ieħor, ta min igħożżu bħall Canôncu Vella): Mita icollna *Società* bħal dic f'Malta?... Li *Statuti* maħsubin b'dehen cbir u mictubin bil Malti minn pinna tad-deheb.

—Hadna pjacir cbir mita, nhar il gimgħa li għaddiet, krajna fil *Gazzetta di Malta* li, din is-sena, il priedchi tal Avvent, f'*San Ġûann*, sejjer jagħmilhom ir-Rev. Patri Lettur tad-Dumnicani, Fra Gjusepp Xûereb, li faħħarna drabijet oħra fil *Habib* u f'gażetti bit-Taljan għat-talent u għall ħeġġa tiegħu.

—Ilbieraħ geûna aħbarijet tajjbin ferm fuk is-Sur Levanzin: nitchellmu minnhom darb'oħra.

—Nhar il ħadd li gej, fil 10 ta fil-għodu, issir il festa tal *Premji* fis-Seminarju ta Għaûdex. Niżżu-ħajr lir-Rettur, li għoġbu jistedinna għaliha.

—Is-seûûa, ħabib Alla. M'hux minnu dac li kiegħdin jictbu tnejn min-nies b'ûiċċhom moħbi, f'żeûġ gażetti taljani, fuk l'Avucat Nericu Mizzi. Aħna mhux f'collox nakblu mas-Sur Nericu Mizzi u fuk id-*Dante Aleghieri* sammajna ucoll leħinna: iżda m'hux xierak u m'hux ta ragel li jingħad il għideb fuk l'Avucat Nericu Mizzi, biex, imbagħd, min jâf ûieħed x'jaħseb, l'actar mita icun bgħid minn Malta u ma icunx jaf biż-żejjed chif in huma sejjrin il ħûejjeġ tagħna. Żelak fin-niexef (u naħsbu li żelak għal t'apposta bla mistħija!) min chiteb li l'Avucat Nericu Mizzi giè irruftat mil Partit Nazzjonali: anzi, l'Avucat Nericu Mizzi hu ûieħed mil Membri tal Cumitat Patrijotticu, li imexxi il Partit Nazzjonali; u mhux biss, imma nistgħu nżidu ucoll, għax is-seûûa ħadd ma iħassru, li hu f'dac il Cumitat ûieħed mil Membri l'iżjed ħabrieca. Id-Direttur tal *Habib* hu bħalu fil *Cumitat Patrijotticu*: u jista' jisgura, contra il għiddieba collha, li din il gimgħa stess il vuci tal Avucat Nericu Mizzi chienet f'dac il Cumitat ûisk mismugħa. Fil *Politica* cull-ħadd jaħsibha chif irid: aħna, bħalma għedna, mhux f'collox naħsbuha bħall Avucat Nericu Mizzi: imma, fuk collox, id-dritt u is-seûûa.

—Xtakna ma naraûx in-*Nihil obstat* taħt certi poeżiji bit-Taljan, li mhux il *prosodija*, imma inkas l'eħfef *regula tal grammatica* ma jafu fejn tokgħod. Min jakrahom, bilfors jieħodhom biż-żuffiett! U jecc jircaptaû f'idejn xi uħud mil makluba, jagħmlu għors bihom! Għad li huma ifaħħru il kaddisin u ma fihom xejn contra it-tagħlim tal Cnisja, in-*Nihil obstat* (taħt poeżiji hecc tad-daħc u actarx imbellgħin lil xi ħadd bil kerk) donnu jigi mnażża ħafna mid-dinjità cbira tiegħu!

---

Mil Lucerna tal Hajja.—80. Ma jistax jintgħata sinjal iżjed icraħ fuk il bniedem, mita dan igħallem il ħażen u jati li scandli.

## Minn gimgħa għal oħra.

*25 ta Ottubru.*—Chif tgħarrafna il Gazzetta tal Gvern, il Caxxa ta Malta mil eûûel ta April sa't 30 ta Settembru li għadda daħħlet £ 199,008 ,, 16 ,, 1 u nefke £196,802,,2,,6. Is-sena li għaddiet f'daûn is-sitt xhur chienet daħħlet iżjed, imma fad-dlet ankas. Dan juri li chellhom ragiun daûc li chienu igħidu li ma hemmx bżonn isiru taxxi ġodda; jecc il Gvern irid, jista iûassal. U aħna kegħdin naraû li, għalchemm id-dħul jiċċhienlu, il Gvern mux biss ilaħħak mgħal ispejjes, imma ikiegħed ucoll xi ħaġa fil genb.

— Harget *Proclama* tal Gvernatur biex, scond il ligi li chienet saret, il Magistrati, mil eûûel ta Novembru, jingabru il korti tal belt biex jaktgħu is-sentenzi.

—Nifirħu b'kalbna collha lis-Sur Vicenz Busuttil, li laħak Ispettur tal Ischejjel tal Gvern minn floc is-Sur J. Reynolds, li chienu għamluh Direttur. Ûara erbgħin sena servizz, li fihom ûera dehen u ħeġġa cbira għat-tagħlim tat-tfal, chien ħakku tasseû jgħaddi il kuddiem. L'għażla ma satgħetx tcun aħjar; is-Sur Busuttil chien maħluk għal dac il post.

*28 ta Ottubru.* Daû 'l ġranet għaddeû ħamsa għal tobba. Meta nifirħulhom, icun ħakkhom; għax mux la chemm, l'actar illum, ûieħed jieħu il-Laûrja. Chemm chellhom iħabbtu rashom u jisru fuk il cotba, u mux għal sena, tnejn, sa ûaslu biex ħaduha! Chemm kagħd fl'ischejjel, chemm taktigħ il kalb fl'esamijet, chemm nfik ta flus lil nieshom, chemm giri mgħal belt u minn chemm ħûejjeġ ma chellhomx jiċċaħdu daûc li mil bgħid! Imma il Laûrja tnissihom collox u ibiercu it-tbatijet collha li ġarrbu għaliha.

*30 ta Ottubru.* Bir-regulamenti ġodda, li ħareġ il Gvern fuk il pensjoni jeû pjazza, l'impiegati li chellhom il jedd għaliha naksu ftit ankas minn nofs, minn 835 niżlu 470. Ma naħsbux li daûn ir-regulamenti imissu lil impiegati li hemm illum, imma lil daûc li għad jidħlu, għax il ligi, chif igħidu, ma tħarisx l'ura, imma il kuddiem; u dan naħsbu li ġagħal lil Mr. Clauson igħid fil *Memorandum* tiegħu, *due regard will be had to existing rights*, li ifisser, li id-drittijet, li ûieħed gà kala, ma icunux minsijin.

—Il port igħaxxak bil bċejjeċ tal gûerra li fiħ. Ilbieraħ daħlu erbgħa u 'llum erb'oħra, u pitgħada jaslu minn Gibilterra tliet'oħra, minn barra daûc li gà chienu haûn.

—Il *Malta Herald* ircieva ittra minn *Detroit* (Canada), li tgħid li hemm il 75 fil mija kegħdin mil Maltin li hemm f'dic il belt. Dac li jingħad għal *Detroit* jista jingħad għal Canada collha, mil ittri li geû minn hemm u milli chitbu il ġurnali.

DUN PAÛL.

## Id-devozzjoni ta Malta lejn Gesù Sagramentat.

(*jakbad fuk il għadd 88*)

Xi ngħidu mil processjonijet ta *Corpus* u minn daûc tal *Kalb ta Gesù*? Minn dic ta San Ġûann, li fiha jieħu parti l'Iskof, il Capitoli tal Catidral u ta San Paûl, l'Ordnijet Religjusi tal Belt u il Fratellanzi collha ta li stess Belt, sa dic tal iċċhen raħal, collha huma sbieħ, maëstusi u solenni. Daûc it-torok imżejjnin bil ħdura, bil ksari, bil fjuri u f'xi bnadijet micsijin ucoll bit-tûapet, daûc it-tapizzerij mdendla mil gallarijet u it-tûieki, daûc l'istandardi irraccmati iperpru mar-riħ li ûarajhom jimxu (nifhmu nitchellmu specjalment mil campanja, ejn il fidi hi actar kaûûija) cotra cbira ta *fratelli* liebsin l'abjad, mgħottijin bil muzzetti ta cull leûn, specjalment daûc il mijet ta *fratelli* tas-SSmu. Sagrament, li jintgħarfu bil muzzetta ħamra, imbgħad il Cleru numerus (il Parroċċi li fihom ftit sacerdoti jistiednu oħrajn minn Parroċċi fejn jinsabu bosta), is-sacerdoti liebsin bħal mita icunu sejjrin ikaddsu b'daûc il pianeti għônja tal imbruccat u irraccmati; imbgħad il fûiħa tal ûard imxerred fl'arja minn tfal kishom anġli, il bħur tal incens mal cant ħelu tal innu tas Sagrament, flaħħarnett Gesù Sagramentat imkiegħed f'*ostensorju* tad-deheb, imdaûûar bil ġaûhar kisu jiddi minn ġo xemx, mgħotti minn baldacchin tad-deheb, ħarir u fidda, merfuħ minn Sacerdoti liebsin il cappi, collox jurina li f'Malta tagħna Gesù jirbaħ u jittrijonfa, isaltan u jaħchem fuk il moħħ u il kalb ta cullħadd. U processjonijet bħal daûn, li huma veri processjonijet, serji u devoti, chif tridhom il Cnisja, ma isirux lè darba f'sena, imma iżjed: naraûhom għall festa tal *Corpus Domini*, tal *Kalb S.S. ta Gesù*, tal *Qûaranturi*: anzi f'xi cnejjes isiru ta cull jum ma tûl l'Ottava tas-*Santu Corp*.

L'ogħola għamil mkaddes tal Cnisja hu il għażiż sacrificcju tal kuddiesa. Il Cnisja tobbligana għas-smieħ tal Kuddiesa fil Hdud u fil festi iccmandati: iżda hi tixtiek li l'insara cull jum jassistu għal dan il cbir Sacrificcju, li fiħ isir it-tibdil tal ħobż u tal inbid fil Gisem u fid-Demm għażiż ta Gesù u li fiħ Gesù joffri ruħu għalina lill'Etern Missier tiegħu, biex jaduraħ u jirringrazzjaħ f'locna, jakalgħalna maħfra u grazzi. F'din il ħaġa ucoll jidher il cobor tal fidi u tad-devozzjoni ta Malta lejn Gesù Sagramentat. Ma ngħidx mil ġranet tal Hadd u tal festa, li fihom il Cnejjes tagħna, li ma humiex ftit u ankas żgħar, huma għal cull kuddiesa miżgħuda bin-nies; imma nitchellem jen minn nhar ta xogħol.

Morru fil campanja u taraû il ħaddiem ikum cmieni biex jilħak il kuddiesa tal erbgħa, kabel imur għax-xogħol. Hu hecc cuntent li inakkas ftit mil mistrieħ biex ma jitlifx il kuddiesa. Anche l'omm tal familja tbaccar u tħalli l'uliedha riekda biex tmur għall kuddiesa. Araûhom fil Cnisja bil curuna f'idhom igħidu b'vuci għôlja ir-Rużarju. Araû chif jinxteħtu għar-rcopptejhom fil ħin tal elevazzjoni, jaduraû il Gesù Ostja u icantaû in-*Naduraûc*, li disgrazzjatament hi l'unica ħaġa li nafu ncantaû bil Malti. U fil bliet ucoll il Cnejjes, nhar ta xogħol ma icunux battala. Għall kuddies tal ħin specjalment dejjem issib numru sbejjaħ ta nies jisimgħu il kuddiesa Oħ, li chiecu xi uħud jokogħdu fil kuddiesa ċoċċ aħjar, mingħajr ma jinxteħtu fuk is-siggju takuddiem, u jibkgħu għar-rcopptejhom mill'elevazzjoni sa chemm is-Sacerdot jitkarben, chemm ictar icun ta min jammirahom u ifaħħarhom! Min kiegħed jicteb jirringrazzja ll'Alla ta cull jum mita għall kuddiesa tiegħu fi Cnisja kalb nies collha tax-xogħol jaraha għalchemm mhix cbira, tintila tista' tgħid ta cull jum.

Ûieħed religjus frustier mita mar jara il Cnejjes tagħna iffullati bin-nies jisimgħu il kuddies nhar ta xogħol, bierec bil kalb il Maltin u kalli li f'Malta jistħajjlu fl'eûûel żmienijet tal Cnisja, li fihom l'insara chienu mimlija bil ħrara u id-devozzjoni.

Xi ngħidu, mbgħad, mit-Tkarbin ta cull jum? Ma naraûx jeûûilla li mûejjed tat-Tkarbin fil Cnejjes tagħna iffullati bin-nies mhux biss fil festi u fil ħdud, iżda ucoll ta culljum? Huma nisa, ommijet tal familja u xbejbiet. Huma tfal żgħar, hecc żgħar li ma jilħkux mal mejjda tat-Tkarbin u icollhom jitkarbnu bil ûiekfa. Huma żgħażaħ, li iffreqûentaû li schejjel jeû li imor-

ru għax-xogħol. Ħuma ħaddiema, li igħaddu ħajjithom fit-tbatija, huma sinjuri li igħixu bir-renti, huma nies ta li scola u tal professjoni: tara tobba, u avucati, u għonja mill'acbar, mħalltin ma nies f kar u mceŭlħa, rieskin ħdejn xulxin għall mejjda ŭaħda, biex jitpaxxeŭ b'ichel ŭieħed, il Gisem adorabbli ta Gesù: u dan ta cull jum, ta cull filgħodu. Jecc tistaksi lill Cappillani u lis-Superjuri tal Cnejjes chemm jitkarbnu cull jum fil Cnisja taħħom, huma isemmulec mijet u mijet. Oħ li chiecu daŭn is-Superjuri jieħdu coċċ tal pacenzja u igħoddu il particoli u cull gimgħa jeŭ cull xahar f'xi ġurnal religjus igibu in-numru taħħom, chiecu conna incunu nafu, bil preċiżjoni collha, l'eluf u eluf ta tkarbin li isiru ta cull jum fostna. Nirringrazzjaŭ ll'Alla għax chif il ġuħ hu sinjal is-saħħa, hecc il għatx tat-Tkarbin juri biċ-ċar il kaŭŭa tal fidi.

Jen nara sinjal ieħor tad-devozzjoni tal Maltin lejn Gesù Sagramentat, u dan hu it-Tkarbin tat-tfal ta età l'iżjed ċchejcna. Ma nitchellimx m'illum, li il Papa ŭira biċ-ċar chemm jixrak li it-tfal żgħar iħalluhom jersku għall mejjda tat-Tkarbin. Nitchellem minn żmienijet sa ftit snin ilu, mita f'certi pajjiżi it-tfal katt ma chienu jiġu mgħoddija għat-Tkarbin kabel l'erbatax jeŭ ħmistax il sena. Fostna tfal ta tmienja, ta sebgħa u anche laħku ta sitt snin chienu jiġu ammessi għall'eŭŭel Tkarbina minn dejjem. U hecc donnu il Papa ħares lejn Malta, u ried li pajjiżi oħra minn'na jitgħallmu iressku liċ-ċchejcnin lejn Gesù Sagramentat.

Xi ngħidu issa mil Qŭaranturi mŭakkfa fil Parroċċi collha u f'bosta Cnejjes oħra? Haŭn fejn isiru iż ed minn darba fis-sena. Għal tliet ti jem jeŭ iżjed inti tara kalb mijet ta dŭal il Gesù Sagramentat taħt trôn tad-deheb espost solennement għall kima tal insara, li ma jaktgħu katt mil Cnisja. Xi ngħidu mis-*Siegħa Mkaddsa* (l'*Ora Santa*), illum mŭakkfa qŭasi cullimchien? Xi ngħidu mil Cnejjes tal *Adorazzjoni perpetŭa*, fejn Gesù Sagramentat hu espost solennement cull jum, u il ħin collu tal ġurnata? Haŭn il Cnejjes huma tnejn: ŭaħda il Belt, Strada Cristoforo, u l'oħra Għaŭdex (il Cnisja *ta Savina*).

Nispiċċaŭ chif bdejna. Il Cungress Eŭcaristicu ta sitt xhur ilu ŭira kuddiem id-dinja collha id-devozzjoni ta Malta lejn Gesù Sagramentat. Minn din tchellmu Iskfijet u Kassisin frustieri fil *Lakgħat tal Cungress*. Fuk din chitbu bosta ġurnali taljani, ingliżi, franciżi u spanjoli. U bħalma San Paŭl Missierna kâl mil fidi tar-Rumani, hecc intgħad minn tagħna: «*Il fidi tagħcom hi mħabbra lid-dinja collha.*» Mad-dinja collha giet magħrufa il fidi tagħna mingħajr *rispett uman*, u id-devozzjoni tagħna lejn Gesù Sagramentat.

Il Cardinal Francica Nava (ta Catanja) ŭara il cbira processjoni tal *Għeluk tal Cungress* kâl fis-Sagristija ta *San Publju* lill Cardinali sħabu u lill'Iskfijet hemm miġbura (u dan smajtu jen b'ŭidnejja stess): «Lakatni u kankalni is-schiet, il ġabra u id-devozzjoni tal Poplu fil ħin tal processjoni.» L'Arciskof ta Perth, ŭara il Benedizzjoni solenni mgħotija mit-tribuna lil dac il baħar ta poplu għar-rcopptejħ, li chien jibchi bil ferħ, bil hena, bil fidi kaŭŭija tagħna, mar igħid: «Dan hu għageb, dan hu mirâclu.» U forsi ma silitx id-dmuħ mil għajnejn ta daŭc l'Iskfijet dac il poplu immens, li f'daŭc il ġranet mila il Cnejjes bi nhar u bil lejl, li collu tista' tgħid resak jitkarben, dac il poplu li ŭiċċu fl'art fil processionijet chien canta b'leħen ŭieħed is-*Sia lodato*, u il mbgħad b'leħen ŭieħed, li irieghed, canta it-*Te Deum*, dac il poplu, li chien ineħħi il cappell u iċapċap għal cull Iskof li chien igħaddi? Monsinjur Arista, Iskof kaddis ta Arcireali, commoss kalli: «Cont cbir jitlob Alla mincom Sacerdoti Maltin, li għandcom Poplu hecc tajjeb u hecc cbir fil fidi x'tgħallmu u tmexxu!»

S. C. Z.

## Ma dûar id-dinja.

*Ruma*—Jingħad li il Papa f' Decembru li gej jagħmel concistor, u fiħ jiġu magħmula bosta Cardinali taliani.

—Nakraŭ fil ġurnali li ŭara ir-rvell tal Isvizziri fil Vatican, il Papa ordna li mil llum il kuddiem cull svizziru li iħalli jeŭ jispiċċa żmienu minn f'locu idaħħal talian, u hecc f'ħames snin il Gŭardja Svizzira tcun collha taliani. Il libsa ma titbiddilx: iżda iva l'isem, għaliex tcun imsejħa Gŭardja tal Papa.

*Disgrazzi*—Fl'America, bejn Mobile u Ohio, tren mimli bis-suldati, li chien miexi xfar tax-xmara Missiseppi inkaleb, u biċċa minnhom geŭ geŭŭa ix-xmara u għerku, mentri oħrajn bakgħu taħt il vaguni makluba. Mux inkas minn tletin suldat mietu.

—Fi Franza żeŭġ disgrazzi ġraŭ fit-titjir. Areoplan, li chien għola minn l'art 300 kasba, f'dakka ŭaħda ŭakaflu il mutur. Ta fuku, li chienu is-suttatenent Guarnier u is-suldat Jarot, għamlu li setgħu sabiex jinżlu ħelu-ħelu, u chien għoddu irnexxielhom, imma ħin bla ŭakt, mita chienu biss 15 il kasba bogħod minn l'art, is-suttatenent giè mibżuk u mal ŭakgħa miet, u is-suldat baka mgħaffeġ taħt il magna: dana ġara fil Villaġġ ta Prez. Id-disgrazzja l'oħra ġrat f'Epinal: il capural Duateroche li bl'areoplan chien għola 400 kasba, sabiex jimita il Pegaud, niżel b'rasu l'isfel sa tmien kasab minn l'art u b'salt ŭieħed ried jarġa jogħla: iżda inchisru il gŭienaħ tal magna u ŭaka fix-xmara Moselle: kabżu għaliħ u tellgħuħ fl'art, imma miet ŭara ftit.

—Vapur fix-xmara Tamigi (Inghilterra) investa u għarrak Yatch scola ta tfal Scouts: salvaŭ tnax il ŭieħed, iżda għerku erbgħa.

*Balcani*—Għal dana il mument hemma ħemda cbira, donnu li il ħŭejjeġ sejrin għal l'aħjar specialment fl'Albanija, mnejn is-Serbi irtiraŭ is-Suldati collha; igħidu li il Grieghi fl'Albanija man-nies tal post giebu ruieħħom bl'istess chefrija li biha ġiebu ruieħħom il Bulgari mas-Serbi u mal Grieghi.

*Italja*—Il gimgħa li għaddiet chien hemm gŭerra finta fl'arja bl'areoplani ħdejn Ruma, li chellhom ma iħallux li ballun, imsejjaħ *dirigibbli*, mgħobbi b'munizzionijet, jersak fuk il belt.

—Il ħadd tal gimgħa li għaddiet, chien hemm l'elezionijet għad-deputati tal Parlament. Ġara għlied ma cullimchien u bosta bliet taŭ ucoll bl'armi, specjalment f'Catanja, fejn saret dimostrazioni a favur ta De Felice: fil ŭakt li id-dimostrazioni chienet għaddejħa minn Via Garibaldi, inxeħtu tliet bombi; ġuvni baka mejjet u ħafna feruti. Ġlied ucoll cbir ġara f'Napli, fejn chien hemm numru cbir ta feruti u ŭieħed mejjet. F'Trinitapoli katlu ragel.

*Inghilterra*—Tletin fizzjal tal Cumpanija tal Peninsulari ixxoperaŭ, u oħrajn ma riedux jieħdu posthom, għaliex iridu ħlas aħjar u regolamenti ġodda: chellha tinżamm il partenza ta erba' vapuri: imma issa ftehmu u cullħadd mar f'postu u il vapuri telku għad-destinazioni taħħom.

*Spanja*—Ftit jum ilu Alfonsu XIII, Sultan ta Spanja, chien sejjer Madrid f'aŭtomobbli b'girja cbira għaliex chellu ħrara li ifittex jasal għall lakgħa mal ministri. Hin bla ŭakt giè imŭakkaf minn żeŭġ gendarmi fuk iż-żŭiemel. «Jen hu ir-Re» kalilhom. Iżda huma ŭieġbuħ u kalulu: «Jista icun; ejja magħna u hemm nitħadtu.» Iż-żeŭġ gendarmi telgħu fl'aŭtomobbli u ŭasslu ir-Re il corp tal għassa.—Haŭn giè mgħaruf u mitluk mil Cap li talbu scusa, ŭara li ċanfar iż-żeŭġ gendarmi. Ir-Re compla it-triek bl'istess girja ta kabel u l'għada il Cap tal pulizija li semmejna ircieva dispaċċ mir-Re fejn kallu li iż-żeŭġ gendarmi chienu mgħollija għall grad ta Surgenti u f'li stess ŭakt lilhom bagħat caxxa sigarri tal avana, minn daŭc stess li hu ipejjep.

L.M.C.G.

## KABEL MA........

Kabel ma
tibda, aħsibha tajjeb;
tagħmel, ara x'ser tagħmel;
tibni, lesti il pjan tiegħec;
taħdem, ipprova il għodda;
titlak, ħalli collox f'locu;
tixtri, akla' il flus b'għarkec;
tonfok, ara il bżonn tiegħec;
tberbak, ibża mil fakar;
toħroġ, irranġa darec;
tixxala, spiċċa id-dmir tiegħec;
tati ruħec għall lussu, iftacar fil ħabs;
tordna, itgħallem obdi;
tgħallem, istudja il min tgħallem;
titħaddet, iżen il cliem tiegħec;
tiċċanfar, kis li tcun qŭiet;
tincorla, ħares lejn mera;
tifda, ipprova il ħabibec;
titgħabba, ħares lejn il pis;
tissospetta, fittex il veru;
tati ħtija, cun int bla ħtija;
tiġġieled, aħseb x'gej ŭara;
tissentenzja, fittex il paci;
torkod, adura l'Alla.

(*Mill' Esperanto*).

DR. G. B.

PROVERBJU.

Il ŭarda actar ma tfuħ, actar ix-xeŭca taħha tnigghez.

*L'aħħar xeŭka tiegħu.*

S... giè iccundannat għat-tgħallik. Sakseŭħ jixtiekx xi ħaġa kabel ma ineħħulu ħajjtu.

Il cundannat bid-daħca f'fommu ŭiegeb:
—Iva, għandi xeŭka cbira, li ili ŭisk għaliha...
—Itchellem, biex intuhielec...
Allura S...kâl:—Kabel ma immut, xtakt nitgħallem iċ-Cinis!....

ŬIEĦED ŬARA L'IEĦOR.

Ir-Re ta.... ŭasal f'raħal tas-Saltna tiegħu; u is-Sindcu, bil Cbarat ta dac ir-Raħal ma dŭaru, resak fuk il carozza, f'nofs il Pjazza, biex jakralu Indirizz: imma, f'li stess ħin, ħmar, li chien magħluk fi stalla fil krib, bida jinħak.

Allura ir-Re kâl lis-Sindcu:—Ŭieħed ŭara l'ieħor, għax inchella ma nistax nifhimcom...

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

XARADA.

L'*eŭŭel* jinxorob,
l'*ieħor* vocali,
it-*tielet* nota,
*collox* int bħali;
jeŭ jena bħalec,
għax aħna 't-tnejn
ŭieħed bla l'ieħor
ma nagħmlu xejn.

S. S.

L'aħħar *taħbit il moħħ* chien:
Ħm*a*ra, ħm*i*ra, ħm*u*ra.

Giebuħ: mil Belt, ir-Rev. Patri Dumincu Gasparini, M.C., is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sur P.P. Grixti— minn tas-Sliema, is-Sur G. B. M.—u minn Birżebbuġa, ir-Rev. Dun A. M. Albanese.